

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6820 – EQT Infrastructure II/E.ON Energy from Waste)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

**(2013/C 36/12)**

1. Fl-1 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika għal konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (<sup>1</sup>) li permezz tagħha EQT Infrastructure II ("EQT", il-Pajjiżi l-Baxxi), takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, il-kontroll sħiħ permezz ta' xiri ta' ishma ta' E.ON Energy minn Waste AG ("EEW", il-Ġermanja), li bħalissa s-sid uniku dirett tagħha huwa E.ON SE.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal EQT: fond ta' investiment,
- għal EEW: kumpanija privata li tipposjedi u/jew tħaddem enerġija minn impjanti tal-iskart fil-Ġermanja, il-Lussemburgu u l-Pajjiżi l-Baxxi li, permezz ta' trattament termali, jikkonvertu l-potenzjal enerġetiku tal-iskart felettriċċi, tisħin distrettwali u fwar għall-proċess.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħbi ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien (<sup>2</sup>) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħbi il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil-COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6820 – EQT Infrastructure II/E.ON Energy from Waste, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

(<sup>1</sup>) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien”).

(<sup>2</sup>) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 (“Avviż ta’ proċedura simplifikata”).